# 24. Lill-Kampanella

Minxura fuq il-ħajt ħdejn in-nixxiegħa,
ja Kampanella, donnok libsa ħadra
miżgħuda bir-rubini hemmhekk mitluqa
minn xi Fatata,

Fatata xbejba u safja li neżgħatha
hekk kif ta' l-art il-ġnien bid-dnub ittebba',
u nħbiet ġo l-ilma safi tgħaddi jiemha
tkabbar il-ġilju,

Biex tidher biss bil-lejl meta waħdiena
ikunu da' s-siġriet, u mal-Fatati
li jilbsu l-Liedna nkella l-Ġiżimina
tiżfen ferħana.

Ja Kampanella, naf li kelma waħda
ma tistax tgħid: iż-żifna tal-Fatati
ħaġa mistura, u jafha biss il-Qamar
u ftit Poeti.